

Brussell, 6 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8055/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0232(COD)**

**CODEC 833
UD 101
ENFOCUSTOM 60
MI 319
COMER 56
CADREFIN 190
TRANS 239
ECOFIN 362
PE 147**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 15 - 18 ta' April 2019)

I. INTRODUEZZJONI*

Ir-rapporteur, Maria GRAPINI (S&D, RO), ippreżentat rapport magħmul minn 68 emenda għall-proposta għal Regolament fisem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-16 ta' April 2019, il-plenarja adottat b'votazzjoni waħda l-emendi għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

L-istabbiliment tal-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana *I**

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (COM(2018)0442 – C8-0261/2018 – 2018/0232(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0442),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 33, 114 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0261/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0464/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht²;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 45.

² Din il-pożizzjoni tikkorrispondi ma' l-emendi adottati fil-15 ta' Jannar 2019 (Testi adottati, P8_TA-PROV(2019)0001).

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-programm Dwana 2020 stabbilit **taħt ir-Regolament** (UE) Nru 1294/2013¹⁸ u l-predeċessuri tiegħu, ikkontribwew b'mod sinifikanti biex jiffaċilitaw u **jtejbu** l-kooperazzjoni doganali. Bosta mill-attivitajiet **fil-qasam** doganali huma ta' natura transfruntiera, jinvolvu u jaffettwaw lill-Istati Membri kollha, u għalhekk ma jistgħux **jitwettqu** b'mod effettiv u effiċjenti **mill-Istati Membri individwali**. Programm **Dwana fil-livell tal-Unjoni**, implimentat mill-Kummissjoni, **joffri** lill-Istati Membri qafas tal-Unjoni biex jiżviluppaw **dawk** l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, li jkun aktar **kosteffiċjenti** milli kieku kull Stat Membru kellu jistabbilixxi **oqfsa** ta' kooperazzjoni individwali fuq bażi bilaterali jew multilaterali. Għaldaqstant **jixraq** li tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali billi jiġi stabbilit programm ġdid fl-istess qasam, jiġifieri l-programm **Dwana**.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

Emenda

(1) Il-programm Dwana 2020, stabbilit **mir-Regolament** (UE) Nru 1294/2013¹⁸, u l-predeċessuri tiegħu, ikkontribwew b'mod sinifikanti biex jiffaċilitaw u **jsaħħu** l-kooperazzjoni doganali. Bosta mill-attivitajiet doganali huma ta' natura transfruntiera, jinvolvu u jaffettwaw lill-Istati Membri kollha, u għalhekk ma jistgħux **jiġu implimentati** b'mod effettiv u effiċjenti **minn kull Stat Membru waħdu**. Programm **doganali għall-Unjoni kollha**, implimentat mill-Kummissjoni, **jipprovdi** lill-Istati Membri qafas **fil-livell** tal-Unjoni biex jiżviluppaw **dawn** l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, li jkun aktar **kosteffikaċi** milli kieku kull Stat Membru kellu jistabbilixxi **l-qafas** ta' kooperazzjoni individwali **tiegħu** fuq bażi bilaterali jew multilaterali. **Il-programm doganali għandu wkoll rwol essenzjali fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri billi jiżgura l-ġbir effettiv tad-dazji doganali u b'hekk jirrappreżenta sors importanti ta' dħul għall-baġits tal-Unjoni u dawk nazzjonali, ukoll billi jiffoka fuq il-bini tal-kapaċità tal-IT u żieda fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana. Barra minn hekk, kontrolli armonizzati u standardizzati huma neċessarji sabiex jiġu segwiti l-flussi transfruntiera illegali tal-oġġetti u tiġi miġġielda l-frodi**. Għaldaqstant **ikun xieraq u fl-interess tal-effiċjenza** li tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali billi jiġi stabbilit programm ġdid fl-istess qasam, jiġifieri l-programm **"Dwana" ("il-Programm")**.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014-2020 (Dwana 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 624/2007/KE, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 209.

11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014-2020 (Dwana 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 624/2007/KE, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 209.

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) L-unjoni doganali, li għet implimentata mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, ilha 50 sena sservi bħala pedament tal-Unjoni, waħda mill-akbar blokok kummerċjali fid-dinja. L-unjoni doganali hija eżempju sinifikanti ta' integrazzjoni ta' suċċess tal-Unjoni u hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-benefiċċju kemm tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini. Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 intitolata "Il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020", esprima tħassib partikolari rigward il-frodi doganali. Unjoni aktar b'saħħitha u aktar ambizzjuża tista' tinkiseb biss jekk tiġi pprovduta b'mezzi finanzjarji msaħħa, b'appoġġ kontinwu għall-politiki eżistenti, u b'aktar riżorsi.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-unjoni doganali evolviet b'mod konsiderevoli fl-aħħar ħamsin sena u l-

(2) L-unjoni doganali evolviet b'mod konsiderevoli fl-aħħar ħamsin sena, u l-

amministrazzjonijiet doganali issa **jwettqu** b'suċċess **varjetà** wiesgħa ta' kompiti fil-fruntieri. Filwaqt li **jaġixxu** flimkien, huma **jaħdmu** biex jiffaċilitaw il-kummerċ u jnaqqsu l-burokrazija **żejda**, jiġbru d-dħul għall-baġits nazzjonali u tal-Unjoni u jiproteġu **lill-pubbliku** kontra theddid terroristiku, tas-saħħa, ambjentali u theddid ieħor. B'mod partikolari, bl-introduzzjoni ta' Qafas Komuni ta' **Ġestjoni** tar-Riskju **fl-UE kollha** u **kontrolli doganali tal-movimenti** ta' **ammonti kbar** ta' flus **kontanti** għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, **id-dwana tkun** minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u **l-kriminalità organizzata**. Minħabba **dak il-mandat wiesa'**, **id-dwana** issa **hija b'mod effettiv l-awtorità ewlenija** għall-kontroll **tal-oġġetti** fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. F'dan **l-isfond**, jenħtieġ li **Programm** Dwana ma jkoprix biss il-kooperazzjoni doganali iżda **jestendi l-appoġġ tiegħu** għall-missjoni **tal-awtoritajiet** doganali **ġenerali, kif stabbilit** fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 952/2013, jiġifieri, **is-superviżjoni** tal-kummerċ internazzjonali tal-Unjoni, l-implimentazzjoni tal-aspetti esterni tas-suq intern, tal-politika kummerċjali komuni u ta' politiki komuni oħra tal-Unjoni li jaffettwaw il-kummerċ, kif ukoll is-sigurtà fil-katina tal-provvista. Għaldaqstant, **il-bażi** ġuridika **se** tkopri l-kooperazzjoni doganali (Artikolu 33 tat-TFUE), is-suq intern (Artikolu 114 tat-TFUE) u l-politika kummerċjali (Artikolu 207 tat-TFUE).

19

https://ec.europa.eu/taxation_customs/general-information-customs/customs-risk-management/asures-customs-risk-management-framework-crmf_en

amministrazzjonijiet doganali issa **qegħdin iwettqu** b'suċċess **firxa** wiesgħa ta' kompiti fil-fruntieri. Filwaqt li **jaħdmu** flimkien, huma **jistinkaw** biex jiffaċilitaw il-kummerċ **etiku u ġust** u jnaqqsu l-burokrazija, jiġbru d-dħul għall-baġits nazzjonali u tal-Unjoni, u **jgħinu** jiproteġu **lill-popolazzjoni** kontra theddid terroristiku, tas-saħħa u ambjentali, **kif ukoll** theddid ieħor. B'mod partikolari, bl-introduzzjoni ta' qafas komuni¹⁹ **għall-ġestjoni** tar-riskju **doganali fil-livell tal-Unjoni** u **bil-kontroll fuq ammonti kbar** ta' **flussi** ta' flus għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, **l-awtoritajiet doganali huma** minn ta' quddiem **nett** fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, **il-kriminalità organizzata** u **l-kompetizzjoni inġusta**. Minħabba **l-mandat estensiv tagħhom**, **l-awtoritajiet doganali** issa **huma tassew l-awtoritajiet prinċipali** għall-kontroll **tal-merkanzija** fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. F'dan **il-kuntest**, jenħtieġ li **l-programm** Dwana ma jkoprix biss il-kooperazzjoni doganali iżda **jagħti wkoll appoġġ** għall-missjoni doganali **usa' prevista** fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 952/2013, jiġifieri **s-sorveljanza** tal-kummerċ internazzjonali tal-Unjoni, l-implimentazzjoni tal-aspetti esterni tas-suq intern, tal-politika kummerċjali komuni u ta' politiki komuni oħra tal-Unjoni li jaffettwaw il-kummerċ, kif ukoll is-sigurtà fil-katina tal-provvista. Għaldaqstant, **jenħtieġ li l-bażi** ġuridika **ta' dan ir-Regolament** tkopri l-kooperazzjoni doganali (Artikolu 33 tat-TFUE), is-suq intern (Artikolu 114 tat-TFUE) u l-politika kummerċjali (Artikolu 207 tat-TFUE).

19

https://ec.europa.eu/taxation_customs/general-information-customs/customs-risk-management/asures-customs-risk-management-framework-crmf_en

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) ***Fl-isforz biex*** jipprovdi qafas għall-azzjonijiet li għandu l-għan li jappoġġa lill-unjoni doganali u lill-awtoritajiet doganali, ***jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi biex jipproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha***; jipproteġi lill-Unjoni minn kummerċ inġust u illegali filwaqt li jappoġġa attività kummerċjali leġittima; ***jżgura*** s-sigurtà u s-sikurezza tal-Unjoni u tar-residenti tagħha; u jiffaċilita l-kummerċ leġittimu, sabiex in-negozji u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-potenzjal sħiħ tas-suq intern u tal-kummerċ ***globali***.

Emenda

(3) ***Il-Programm jenħtieġ li, bħala objettiv ġenerali, jassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni billi*** jipprovdi qafas għall-azzjonijiet li għandu l-għan li jappoġġa lill-unjoni doganali u lill-awtoritajiet doganali ***bl-objettiv fit-tul li l-amministrazzjonijiet doganali kollha fl-Unjoni jaħdmu flimkien kemm jista' jkun mill-qrib***; jipproteġi lill-Unjoni minn kummerċ inġust u illegali filwaqt li jappoġġa attività kummerċjali leġittima; ***jipproteġi lill-Unjoni minn prattiki kummerċjali illegali, filwaqt li jħeġġeġ lill-attivitajiet ta' negozju leġittimi, jiggerantixxi*** s-sigurtà u s-sikurezza tal-Unjoni u tar-residenti tagħha ***u b'hekk itejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur***; u jiffaċilita l-kummerċ leġittimu, sabiex in-negozji u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-potenzjal sħiħ tas-suq intern u tal-kummerċ ***dinji***.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(3a) ***Kif sar evidenti li xi wħud mis-sistemi msemmija fl-Artikolu 278 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jistgħu jintużaw biss parzjalment sal-31 ta' Diċembru 2020, u dan jimplika li s-sistemi mhux elettroniċi se jkomplu jintużaw wara dik id-data, u fin-nuqqas ta' emendi leġiżlattivi li jestendu dik l-iskadenza, il-kumpaniji u l-awtoritajiet doganali mhux se jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet u l-obbligi legali tagħhom fir-***

Emenda

rigward tal-operazzjonijiet doganali, wieħed mill-objettivi speċifiċi ewlenin tal-Programm jenħtieġ li jkun li jassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu tali sistemi elettroniċi.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Il-ġestjoni u l-kontroll doganali huma qasam politiku dinamiku, li qed jiffaċċja sfidi ġodda ġġenerati minn mudelli ta' negozju u ktajjen ta' provvista globali li qed jevolvu b'mod kostanti, kif ukoll minn xejriet tal-konsum li qed jinbidlu u d-diġitalizzazzjoni, bħall-kummerċ elettroniku, inkluż l-internet tal-oġġetti, l-analitika tad-data, l-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġija blockchain. Il-Programm għandu jappoġġa l-ġestjoni doganali f'sitwazzjonijiet bħal dawn u jippermetti l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi. Sfidi bħal dawn ikomplu jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi infurzata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-ħtieġa għal interpretazzjoni u implimentazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni doganali. Meta l-finanzi pubbliċi jkunu taħt pressjoni, il-volum taż-żidiet fil-kummerċ dinji u l-frodi u l-kuntrabandu joħlqu tħassib dejjem akbar; Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati dawk l-isfidi.

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

(3c) Sabiex tiġi żgurata l-ogħla effiċjenza u jiġu evitati duplikazzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoordina l-implimentazzjoni tal-Programm ma' programmi u fondi relatati tal-Unjoni. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, il-Programm Fiscalis, il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi u l-Programm tas-Suq Uniku, kif ukoll il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, il-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ir-regolamenti u l-miżuri ta' implimentazzjoni.

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 3d (ġdida)

(3d) Fir-rigward tal-ħruġ potenzjali tar-Renju Unit mill-Unjoni, il-pakkett finanzjarju ta' dan il-Programm ma jqisx il-kostijiet li jirriżultaw mill-iffirmar tal-ftehim dwar il-ħruġ imminenti tar-Renju Unit mill-Unjoni u r-relazzjoni futura potenzjali bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni. L-iffirmar ta' dak il-ftehim, id-diżimpenn tar-Renju Unit mis-sistemi doganali kollha u minn kull forma ta' kooperazzjoni doganali eżistenti, u l-iskadenza tal-obbligi legali f'dan il-qasam, jistgħu jwasslu għal kostijiet addizzjonali li ma jistgħux ikunu stmati bl-eżatt dakinhar li jinholq dan il-Programm. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tirriżerva biżżejjed riżorsi biex tħejji għal dawk il-

kostijiet potenzjali. Madankollu, jenħtieġ li dawk il-kostijiet ma jkunux koperti mill-pakkett tal-Programm, peress li l-baġit previst fil-Programm se jkun biżżejjed biss biex ikopri l-kostijiet li jistgħu jkunu previsti realistikament dakinhar li jinholq il-Programm.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni u ta' assoċjazzjoni min-naħa tal-pajjiżi terzi, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, jenħtieġ li l-Programm ikun miftuħ għall-parteeċipazzjoni kemm tal-pajjiżi aderenti u tal-pajjiżi kandidati kif ukoll tal-kandidati potenzjali u tal-pajjiżi sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Jista' jkun miftuħ ukoll għal pajjiżi terzi oħra, skont il-kundizzjonijiet *stabbiliti* fi ftehimiet speċifiċi bejn l-Unjoni u *dawk il-pajjiżi li jkopru l-parteeċipazzjoni* tagħhom *għal* kwalunkwe programm tal-Unjoni.

Emenda

(5) Sabiex jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni u ta' assoċjazzjoni min-naħa tal-pajjiżi terzi, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, jenħtieġ li l-Programm ikun miftuħ għall-parteeċipazzjoni kemm tal-pajjiżi aderenti u tal-pajjiżi kandidati kif ukoll tal-kandidati potenzjali u tal-pajjiżi sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Jista' jkun miftuħ ukoll għal pajjiżi terzi oħra, skont il-kundizzjonijiet *previsti* fi ftehimiet speċifiċi bejn l-Unjoni u *l-pajjiżi kkonċernati dwar il-parteeċipazzjoni* tagħhom *fi* kwalunkwe programm tal-Unjoni, *jekk tali parteeċipazzjoni tkun fl-interess tal-Unjoni u jkollha impatt pożittiv fuq is-suq intern mingħajr ma taffettwa l-ħarsien tal-konsumatur.*

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) ***Ir-Regolament*** (UE, Euratom) [2018/XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ (minn ***hawn 'il*** quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju") ***japplika għal dan l-Istrument. Dan jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni*** tal-baġit tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist pubbliku u rimborżi ta' esperti esterni.

²¹ ***COM(2016) 605 final***

Emenda

(6) ***Jenħtieġ li l-Programm ikun kopert mir-Regolament*** (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ (minn ***issa 'l*** quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"). ***Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni*** tal-baġit tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist pubbliku u rimborżi ta' esperti esterni.

²¹ ***Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).***

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) L-azzjonijiet li kienu japplikaw taħt il-programm Dwana 2020 wrew li kienu adegwati ***u*** għaldaqstant jenħtieġ li jinżammu. Sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jintlaħqu aħjar l-għanijiet tiegħu, jenħtieġ li l-azzjonijiet jiġu definiti biss f'termini ta' kategoriji ġenerali b'lista ta' eżempji illustrattivi ta' attivitajiet konkreti. Jenħtieġ li l-programm

Emenda

(7) L-azzjonijiet li kienu japplikaw taħt il-programm Dwana 2020 ***u li*** wrew li kienu adegwati għaldaqstant jenħtieġ li jinżammu, ***filwaqt li oħrajn li wrew li ma kinux adegwati jenħtieġ li jitwaqqfu***. Sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jintlaħqu aħjar l-għanijiet tiegħu, jenħtieġ li l-azzjonijiet jiġu definiti biss f'termini ta' kategoriji ġenerali b'lista ta'

Dwana jippromwovi u jappoġġa wkoll l-użu u l-isfruttament tal-innovazzjoni biex ikompli jtejjeb il-kapaċitajiet li jintlaħqu l-prijoritajiet ewlenin tad-dwana, permezz tal-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità.

eżempji illustrattivi ta' attivitajiet konkreti. Jenġtieg li l-Programm jippromwovi u jappoġġa wkoll l-użu u l-isfruttament tal-innovazzjoni biex ikompli jtejjeb il-kapaċitajiet li jintlaħqu l-prijoritajiet ewlenin tad-dwana, permezz tal-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Ir-Regolament [2018/XXX] jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, Strument għat-Tagħmir tal-Kontroll Doganali²² ("Strument CCE"). Sabiex tiġi ppreservata l-koerenza u l-koordinazzjoni orizzontali tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni kollha relatati mad-dwana u mat-tagħmir ta' kontroll doganali, jixraq li dawn kollha jiġu implimentati taħt att legali u sett ta' regoli wieħed, ***jiġifieri*** dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenġtieg li l-Istrument CCE jappoġġa biss ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli filwaqt li dan il-Programm jenġtieg li jappoġġa l-azzjonijiet relatati l-oħra kollha, bħal azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tat-tagħmir jew, fejn ikun xieraq, taħriġ fir-rigward tat-tagħmir mixtri.

²² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, tistabbilixxi l-istrument għal appoġġ finanzjarju għat-tagħmir tal-kontroll doganali

Emenda

(8) Ir-Regolament [2018/XXX] jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, Strument għat-Tagħmir tal-Kontroll Doganali²² ("Strument CCE"). Sabiex tiġi ppreservata l-koerenza u l-koordinazzjoni orizzontali tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni kollha relatati mad-dwana u mat-tagħmir ta' kontroll doganali, jixraq li dawn kollha jiġu implimentati taħt att legali u sett ta' regoli wieħed, ***liema att u regoli jkunu*** dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenġtieg li l-Istrument CCE jappoġġa biss ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli, filwaqt li dan il-Programm jenġtieg li jappoġġa l-azzjonijiet relatati l-oħra kollha, bħal azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tat-tagħmir jew, fejn ikun xieraq, taħriġ fir-rigward tat-tagħmir mixtri.

²² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, tistabbilixxi l-istrument għal appoġġ finanzjarju għat-tagħmir tal-kontroll doganali

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Meta titqies l-importanza tal-globalizzazzjoni, jenħtieġ li l-Programm ikompli **jipprovd**i l-possibbiltà li jiġu involuti esperti esterni skont it-tifsira tal-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju. Dawk l-esperti esterni jenħtieġ li jkunu prinċipalment rappreżentanti tal-awtoritajiet governattivi, anke minn pajjiżi terzi mhux assoċjati, kif ukoll rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tal-operaturi ekonomiċi jew tas-soċjetà ċivili.

Emenda

(10) Meta titqies l-importanza tal-globalizzazzjoni, jenħtieġ li l-Programm ikompli **jipprevedi** l-possibbiltà li jiġu involuti esperti esterni skont it-tifsira tal-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju. Dawk l-esperti esterni jenħtieġ li jkunu prinċipalment rappreżentanti tal-awtoritajiet governattivi, anke minn pajjiżi terzi mhux assoċjati, kif ukoll **akkademiċi u** rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tal-operaturi ekonomiċi jew tas-soċjetà ċivili.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) B'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni biex tiżgura l-koerenza u s-simplifikazzjoni tal-programmi ta' finanzjament, stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Ottubru 2010 intitolata "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE²³", jenħtieġ li r-riżorsi jinqasmu ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni jekk l-azzjonijiet previsti taħt il-Programm ikollhom għanijiet li huma komuni għal diversi strumenti ta' finanzjament, bl-esklużjoni tal-finanzjament doppju. Jenħtieġ li l-azzjonijiet taħt il-Programm jiżguraw il-koerenza fl-użu tar-riżorsi tal-Unjoni li jappoġġaw l-unjoni doganali u l-awtoritajiet doganali.

Emenda

(11) B'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni biex tiżgura l-koerenza u s-simplifikazzjoni tal-programmi ta' finanzjament, stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Ottubru 2010 intitolata "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE²³", jenħtieġ li r-riżorsi jinqasmu ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni jekk l-azzjonijiet previsti taħt il-Programm ikollhom għanijiet li huma komuni għal diversi strumenti ta' finanzjament, **fid-dawl tal-fatt li l-ammont allokati għal dan il-programm huwa kkalkulat mingħajr ma jitqiesu l-ispejjeż mhux mistennija**, bl-esklużjoni tal-finanzjament doppju. Jenħtieġ li l-azzjonijiet taħt il-Programm jiżguraw il-koerenza fl-użu tar-riżorsi tal-Unjoni li jappoġġaw l-unjoni doganali u l-awtoritajiet doganali.

²³ COM (2010)700 final

²³ COM (2010)700 final

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Ix-xiri ta' softwer li jkun meħtieġ biex jitwettqu kontrolli stretti fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkun eliġibbli għal finanzjament skont dan il-Programm; Barra minn hekk, jenħtieġ li jitħeġġeġ softwer li jkun jista' jintuża fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) L-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità fit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (IT) huma stabbiliti biex jattiraw il-biċċa l-kbira tal-baġit taħt il-Programm. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi jiddeskrivu l-komponenti komuni u nazzjonali tas-sistemi elettroniċi Ewropej, rispettivament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

(12) L-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità fit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (IT) huma stabbiliti biex jattiraw il-biċċa l-kbira tal-baġit taħt il-Programm. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi jiddeskrivu l-komponenti komuni u nazzjonali tas-sistemi elettroniċi Ewropej, rispettivament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. ***Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet tal-IT, il-Programm jipprevedi li l-Kummissjoni tiżviluppa u taġġorna Pjan Strateġiku Pluriennali dwar id-Dwana ("MASP-C"), bl-għan li jinholq ambjent elettroniku li jiżgura l-konsistenza u l-interoperabbiltà tas-sistemi doganali fl-Unjoni.***

Emenda 62

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) **Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi implimentat bi** programmi ta' ħidma. Fid-dawl tan-natura fuq terminu medju sa twil tal-għanijiet segwiti u abbażi tal-esperjenza miksuba matul iż-żmien, jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma jkunu kapaċi jkopru diversi snin. Il-bidla mill-programmi ta' ħidma annwali għal daww pluriennali se tnaqqas il-piż amministrattiv kemm fuq il-Kummissjoni kif ukoll fuq l-Istati Membri.

Emenda

(14) **Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta** programmi ta' ħidma **għall-finijiet ta' dan ir-Regolament**. Fid-dawl tan-natura fuq terminu medju sa twil tal-għanijiet segwiti u abbażi tal-esperjenza miksuba matul iż-żmien, jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma jkunu kapaċi jkopru diversi snin. Il-bidla mill-programmi ta' ħidma annwali għal daww pluriennali se tnaqqas il-piż amministrattiv kemm fuq il-Kummissjoni kif ukoll fuq l-Istati Membri.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) F'konformità mas-sejbiet li jinsabu fiż-żewġ rapporti speċjali adottati riċentement mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-qasam tad-dwana, jiġifieri r-rapport speċjali Nru 19/2017 tal-5 ta' Diċembru 2017 bit-titolu "Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE", u r-rapport speċjali Nru 26/2018 tal-10 ta' Ottubru 2018 bit-titolu "Bosta dewmien fis-Sistemi tal-IT doganali: x'mar ħażin?", l-azzjonijiet imwettqa fi ħdan il-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana jenħtieġ li jkollhom l-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet indikati.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14b) Fl-4 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra l-frodi doganali u l-protezzjoni tar-riżorsi proprji tal-Unjoni. Il-konklużjonijiet li jinsabu f'dik ir-riżoluzzjoni jenħtieġ li jitqiesu matul l-azzjonijiet implimentati fil-qafas tal-Programm.

Emenda 63

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Sabiex ikunu żgurati l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jkunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.

imħassar

⁹ ***Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)***

Emenda 64

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Sabiex ikun hemm tweġiba xierqa għall-bidliet fil-prijoritajiet tal-politika, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' indikaturi li jkejlu l-kisba tal-għanijiet speċifiċi tal-Programm. Hu tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fil-livell espert, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-twejġija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess **sistematiku** għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jitrattaw it-twejġija tal-atti delegati.

Emenda

(17) Sabiex ikun hemm tweġiba xierqa għall-bidliet fil-prijoritajiet tal-politika, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' indikaturi li jkejlu l-kisba tal-għanijiet speċifiċi tal-Programm, ***fir-rigward tal-istabbiliment u l-aġġornament tal-Pjan Strateġiku Pluriennali għall-qasam tad-dwana u fir-rigward tal-istabbiliment tal-programmi ta' ħidma pluriennali***. Hu tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fil-livell espert, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016***1a***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-twejġija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ***sistematikament*** ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jitrattaw it-twejġija tal-atti delegati.

1a ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Jenħtieġ li t-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni taħt dan ir-Regolament jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jilhqqu **r-riżultati**, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqies l-użu ta' somom sħaħ, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

(20) Jenħtieġ li t-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni taħt dan ir-Regolament jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jilhqqu **l-aqwa riżultati**, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqies l-użu ta' somom sħaħ, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Il-Programm għandu** l-għan ġenerali **li jappoġġa lill-unjoni** doganali u lill-awtoritajiet doganali, **jipproteġi l-interessi** finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, **jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza fi ħdan l-Unjoni** u **jipproteġi lill-Unjoni minn kummerċ inġust u illegali, filwaqt li jiffaċilita attività kummerċjali leġittima.**

Emenda

1. **Bil-għan li jintlaħaq l-għan fit-tul li l-amministrazzjonijiet doganali kollha fl-Unjoni jaħdmu flimkien kemm jista' jkun mill-qrib, u sabiex jiggarrantixxu s-sigurtà u s-sikurezza tal-Istati Membri u jipproteġu l-Unjoni kontra l-frodi, il-prattiki kummerċjali inġusti u illegali, u fl-istess ħin, jippromwovu attivitajiet kummerċjali leġittimi u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur,** l-għan ġenerali **tal-Programm huwa li jappoġġa l-unjoni** doganali u lill-awtoritajiet doganali **fil-protezzjoni tal-interessi** finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Programm għandu ***l-għan speċifiku*** li ***jappoġġa t-tħejjija u l-implimentazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni u tal-politika doganali kif ukoll il-kooperazzjoni doganali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva, inkluża l-kompetenza umana, u l-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej.***

Emenda

2. Il-Programm għandu ***l-għanijiet speċifiċi*** li ***ġejjin:***

(1) li jappoġġa t-tħejjija u l-implimentazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni u tal-politika doganali kif ukoll il-kooperazzjoni doganali;

(2) li jassisti fil-bini tal-kapaċità tal-IT, li jikkonsisti fl-iżvilupp, iż-żamma u l-operat tas-sistemi elettroniċi kif imsemmi fl-Artikolu 278 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, u jippermetti tranżizzjoni mingħajr xkiel lejn ambjent u kummerċ mingħajr karti skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament;

(3) li jiffinanzja azzjonijiet konġunti, li jikkonsistu f'mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jippermettu lill-uffiċjali jwettqu attivitajiet operattivi konġunti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet ewlenin tagħhom, jaqsmu l-esperjenza u jgħaqqdu l-isforzi biex iwasslu politika doganali;

(4) li jsaħħaħ il-kompetenzi umani, jappoġġa l-ħiliet professjonali tal-uffiċjali tad-dwana u jingħataw is-setgħa li jwettqu r-rwol tagħhom fuq bażi uniformi;

(5) li jappoġġa l-innovazzjoni fil-qasam tal-politika doganali.

Emenda 22
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-programm għandu jkun konsistenti ma' programmi ta' azzjoni u fondi oħra tal-Unjoni b'għanijiet simili f'oqsma relatati u jisfrutta kwalunkwe sinerġija magħhom.

Emenda 23
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. L-implimentazzjoni tal-Programm għandha tirrispetta l-prinċipji tat-trasparenza, il-proporzjonalità, it-trattament indaqs u n-nondiskriminazzjoni.

Emenda 24
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. Il-Programm għandu jappoġġa wkoll l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ kontinwi tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali bl-għan li jidentifika nuqqasijiet u titjib possibbli.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu **2021 – 2027** għandu jkun ta' EUR **950 000 000** fi prezzijiet kurrenti.

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu **mill-2021 sal-2027** għandu jkun ta' EUR **842 844 000 000** fi prezzijiet **tal-2018** (**EUR 950 000 000** fi prezzijiet kurrenti).

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll spejjeż ta' preparazzjoni, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħra għall-ġestjoni tal-Programm u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-għanijiet tiegħu. Barra minn hekk jista' jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, mal-laqgħat ta' esperti, ma' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, sa fejn ikunu relatati mal-għanijiet tal-Programm, kif ukoll spejjeż marbuta ma' netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Programm.

Emenda

2. ***Fejn ikun meħtieġ u ġġustifikat b'mod xieraq***, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll spejjeż ta' preparazzjoni, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħra għall-ġestjoni tal-Programm u għall-evalwazzjoni ***tal-prestazzjoni tiegħu u*** tal-kisba tal-għanijiet tiegħu. Barra minn hekk jista' jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, mal-laqgħat ta' esperti, ma' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni ***indirizzati lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi min-naħa tal-Kummissjoni***, sa fejn ikunu relatati mal-għanijiet tal-Programm, kif ukoll spejjeż marbuta ma' netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni ***tal-Programm, dment li tali attivitajiet jkunu meħtieġa għall-kisba tal-obiettivi*** tal-Programm.

Emenda 27
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-programm ma għandux jintuża biex ikopri l-kostijiet relatati mal-ħruġ potenzjali tar-Renju Unit mill-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tirriżerva, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tagħha stess, riżorsi sabiex tkopri l-kostijiet relatati mad-diżimpenn tar-Renju Unit mis-sistemi doganali u l-kooperazzjoni kollha tal-Unjoni, u l-iskadenza tal-obbligi legali tagħha f'dan il-qasam.

Qabel ma tirriżerva dawk ir-riżorsi, il-Kummissjoni għandha tagħmel stima tal-kostijiet potenzjali, u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew ladarba d-data rilevanti għal dik l-istima tkun disponibbli.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) pajjiżi terzi oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, sakemm dak il-ftehim:

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ***tal-parteċipazzjoni*** fil-programmi, ***inluż*** il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-kostijiet amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat ***skont l-Artikolu [21(5)] tar-Regolament [2018/XXX] fir-Regolament Finanzjarju l-ġdid***;

Emenda

– jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ***għall-parteċipazzjoni*** fil-programmi, ***inkluż*** il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-kostijiet amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat ***b'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju***.

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-azzjonijiet li jikkomplementaw jew li jappoġġaw l-azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [2018/XXX] [strument CCE] għandhom ikunu wkoll eliġibbli għal finanzjament taħt dan il-Programm.

Emenda

2. L-azzjonijiet li jikkomplementaw jew li jappoġġaw l-azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [2018/XXX] [strument CCE] ***u/jew li jikkomplementaw jew jappoġġaw l-azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) [2018/XXX] [Programm Kontra l-Frodij]*** għandhom ikunu wkoll eliġibbli għal finanzjament taħt dan il-Programm.

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kollaborazzjoni strutturata bbażata fuq il-proġetti;

Emenda

(b) kollaborazzjoni strutturata bbażata fuq il-proġetti, ***bħall-iżvilupp kollaborattiv tal-IT minn grupp ta' Stati Membri***;

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) azzjonijiet ta' bini tal-kompetenza u tal-kapaċità umana;

Emenda

(d) azzjonijiet ta' bini tal-kompetenza u tal-kapaċità umana, ***fosthom taħriġ u skambju tal-aħjar Prattiki***;

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) attivitajiet ta' monitoraġġ;

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-azzjonijiet li jikkonsistu fl-iżvilupp u l-operat ta' adattamenti jew ta' estensjonijiet tal-komponenti komuni tas-sistemi elettroniċi Ewropej għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament meta jkunu ta' interess għall-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa, li jistgħu jipprevedu għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-partijiet terzi kkonċernati minn dawn l-azzjonijiet.

4. L-azzjonijiet li jikkonsistu fl-iżvilupp, ***l-iskjerament, iż-żamma*** u l-operat ta' adattamenti jew ta' estensjonijiet tal-komponenti komuni tas-sistemi elettroniċi Ewropej għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament meta jkunu ta' interess għall-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa, li jistgħu jipprevedu għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-partijiet terzi kkonċernati minn dawn l-azzjonijiet.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Jekk ikunu ta' beneficiċċju biex jinkisbu l-azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet governattivi, anke dawk minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm skont l-Artikolu 5, **ir-rappreżentanti** tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u ta' organizzazzjonijiet oħra rilevanti, tal-operaturi ekonomiċi u tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-operaturi ekonomiċi u tas-soċjetà ċivili, jistgħu jieħdu sehem bħala esperti esterni għall-azzjonijiet organizzati taħt il-Programm.

Emenda

1. Jekk ikunu ta' beneficiċċju biex jinkisbu l-azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet governattivi, anke dawk minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm skont l-Artikolu 5, **l-akkademiċi u r-rappreżentanti** tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u ta' organizzazzjonijiet oħra rilevanti, tal-operaturi ekonomiċi u tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-operaturi ekonomiċi u tas-soċjetà ċivili, jistgħu jieħdu sehem bħala esperti esterni għall-azzjonijiet organizzati taħt il-Programm.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-esperti esterni għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni abbażi **tal-ħiliet**, l-esperjenza u l-għarfien rilevanti tagħhom **għall-azzjoni** speċifika, u b'tali mod li jiġi evitat kull kunflitt ta' interess.

Emenda

3. L-esperti esterni għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni abbażi **tal-kompetenza**, l-esperjenza **fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament** u l-għarfien rilevanti tagħhom **fir-rigward tal-azzjoni** speċifika **li tkun qed tittieħed**, u b'tali mod li jiġi evitat kull kunflitt ta' interess. **Fl-għażla għandu jintlaħaq bilanċ bejn rappreżentanti tan-negozju u esperti oħra tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-lista tal-esperti esterni għandha tiġi ppubblikata u aġġornata regolarmet.**

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it- Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

1. L-għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it- Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju, **u speċifikament skont il-prinċipji tal- ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza, il-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament indaqs.**

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 190 tar- Regolament Finanzjarju, il-Programm jista' jiffinanzja sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli ta' azzjoni.

Emenda

1. B'deroga mill-Artikolu 190 tar- Regolament Finanzjarju, il-Programm jista' jiffinanzja sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli ta' azzjoni, **skont ir-rilevanza tal-azzjoni u l-impatt stmat.**

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod konġunt l- iżvilupp u l-operat, inkluż it-tfassil, l- ispeċifikazzjoni, l-ittestjar tal-konformità, l-użu, iż-żamma, l-evoluzzjoni, **is-sigurtà**, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-kontroll tal- kwalità **tas-sistemi elettroniċi Ewropej elenkati fil-Pjan Strateġiku Pluriennali dwar id-Dwana msemmi fl-Artikolu 12.**

Emenda

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod konġunt l- iżvilupp u l-operat **tas-sistemi elettroniċi Ewropej elenkati fil-Pjan Strateġiku Pluriennali dwar id-Dwana msemmi fl- Artikolu 12**, inkluż it-tfassil **tagħha**, l- ispeċifikazzjoni, l-ittestjar tal-konformità, l-użu, iż-żamma, l-evoluzzjoni, **il- modernizzazzjoni tas-sigurtà**, l- assigurazzjoni tal-kwalità u l-kontroll tal-

kwalià.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-koordinazzjoni ġenerali tal-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej bil-ħsieb tal-operabbiltà, l-interkonnnettività u t-titjib kontinwu u l-implimentazzjoni sinkronizzata tagħhom;

Emenda

(b) il-koordinazzjoni ġenerali tal-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej bil-ħsieb tal-operabbiltà, ***iċ-ċiberreżiljenza***, l-interkonnnettività u t-titjib kontinwu u l-implimentazzjoni sinkronizzata tagħhom;

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – pun ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) komunikazzjoni effiċjenti u rapida mal-Istati Membri u bejniethom, bl-għan li tiġi simplifikata l-governanza tas-sistemi elettroniċi tal-Unjoni;

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-partijiet ikkonċernati involuti fl-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT fil-livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod partikolari dwar dewmien fl-implimentazzjoni u l-infiq tal-komponenti tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) *il-provvista regolari* ta' informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda sabiex l-awtoritajiet jew l-operaturi ekonomiċi *rispettivi tagħhom ikunu* jistgħu *jużaw bis-sħiħ is-sistemi* elettroniċi Ewropej;

Emenda

(d) *l-għoti* ta' informazzjoni *regolari* lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda sabiex l-awtoritajiet jew l-operaturi ekonomiċi *kkonċernati jkunu* jistgħu *jagħmlu użu sħiħ u effikaċi mis-sistemi* elettroniċi Ewropej;

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha *tfassal* u *taġġorna* Pjan Strateġiku Pluriennali *dwar id-Dwana* li jelenka l-kompiti kollha rilevanti għall-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej u *tikklassifika* kull sistema jew parti *minnha*, bħala:

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha *tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17, sabiex jiġi ssupplementat dan ir-Regolament billi jiġi stabbilit* u *aġġornat* Pjan Strateġiku Pluriennali *għall-qasam tad-dwana* li jelenka l-kompiti kollha rilevanti għall-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej u *jikklassifika* kull sistema jew parti *minn sistema* bħala:

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) komponent komuni: komponent tas-sistemi elettroniċi Ewropej żviluppat fil-livell tal-Unjoni, li huwa disponibbli għall-Istati Membri kollha jew identifikat bħala komuni mill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' effiċjenza, sigurtà u **razzjonalizzazzjoni**;

Emenda

a) komponent komuni: komponent tas-sistemi elettroniċi Ewropej żviluppat fil-livell tal-Unjoni, li huwa disponibbli għall-Istati Membri kollha jew identifikat bħala komuni mill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' effiċjenza, sigurtà **tar-razzjonalizzazzjoni u affidabbiltà**;

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) komponent nazzjonali: komponent tas-sistemi elettroniċi Ewropej żviluppat fil-livell nazzjonali, li huwa disponibbli fl-Istat Membru li ħoloq dan il-komponent jew li kkontribwixxa għall-ħolqien konġunt tiegħu;

Emenda

(b) komponent nazzjonali: komponent tas-sistemi elettroniċi Ewropej żviluppat fil-livell nazzjonali, li huwa disponibbli fl-Istat Membru li ħoloq dan il-komponent jew li kkontribwixxa għall-ħolqien konġunt tiegħu, **bħal pereżempju fi proġett ta' żvilupp kollaborattiv tal-IT minn grupp ta' Stati Membri**;

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull darba li jlestu kompitu allokat lilhom taħt il-Pjan Strateġiku Pluriennali dwar id-Dwana msemmi fil-paragrafu 1. Dawn għandhom ukoll jirrappurtaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-kompiti

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull darba li jlestu kompitu allokat lilhom taħt il-Pjan Strateġiku Pluriennali dwar id-Dwana msemmi fil-paragrafu 1. Dawn għandhom ukoll jirrappurtaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-kompiti

tagħhom.

tagħhom *u, fejn ikun applikabbli, dwar dewmien previst fl-implimentazzjoni tagħhom.*

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Abbażi tar-rapporti annwali msemmija fil-paragrafu 4 u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport konsolidat li jivvaluta l-progress magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fil-paragrafu 1 u tippubblika dak ir-rapport.

Emenda

5. Abbażi tar-rapporti annwali msemmija fil-paragrafu 4 u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport konsolidat li jivvaluta l-progress magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fil-paragrafu 1, ***filwaqt li jinkludi informazzjoni dwar l-adattamenti meħtieġa jew dewmien tal-pjan***, u tippubblika dak ir-rapport.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi*** ta' ħidma pluriennali ***msemmija fl-Artikolu 108*** tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

1. ***Il-programmi*** ta' ħidma pluriennali ***kif imsemmija fl-Artikolu 110*** tar-Regolament Finanzjarju ***għandhom jiġu adottati għall-finijiet tal-Programm. Il-programmi ta' ħidma pluriennali b'mod partikolari għandhom jistabbilixxu l-objettivi li għandhom jiġu segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament. Għandhom***

jistabbilixxu wkoll fid-dettall deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull azzjoni u kalendarju indikattiv għall-implimentazzjoni.

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programmi ta' ħidma pluriennali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2).

Emenda

2. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 17, sabiex jiġi ssupplementat dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti il-programmi ta' ħidma pluriennali.*

Emenda 51

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

2a. *Il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jibni fuq it-tagħlimiet miksuba mill-programmi preċedenti.*

Emenda

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, huma stabbiliti fl-Anness 2.***

Emenda

1. ***F'konformità mar-rekwiżit ta' rapportar tagħha skont il-punt (h) tal-Artikolu 41(3) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-Programm. Ir-rapportar dwar il-prestazzjoni għandu jinkludi informazzjoni kemm dwar kemm il-progress kif ukoll dwar in-nuqqasijiet.***

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Biex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 ħalli temenda l-Anness 2, biex fejn jitqies meħtieġ jiġu riveduti jew ikkumplementati l-indikaturi u biex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Emenda

2. ***L-indikaturi għar-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness 2.*** Biex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 ħalli temenda l-Anness 2, biex fejn jitqies meħtieġ jiġu riveduti jew ikkumplementati l-indikaturi u biex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ***sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jingħataw informazzjoni aġġornata, kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, dwar il-prestazzjoni tal-Programm.***

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u **tar-riżultati** tal-programm **tinġabar** b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonat fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni.

Emenda

3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u **r-riżultati** tal-Programm **ikunu komparabbli u kompluti kif ukoll miġbura** b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonat **u rilevanti** fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni. **Il-Kummissjoni għandha tipprova lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni affidabbli dwar il-kwalità tad-data dwar il-prestazzjoni użata.**

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq **ladarba** jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni **tal-Programm**, iżda mhux aktar tard minn **erba'** snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

Emenda

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq **malli** jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni **tiegħu**, iżda mhux aktar tard minn **tlit** snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-evalwazzjoni interim għandha

*tippreżenta s-sejbiet meħtieġa sabiex
tittieħed deċiżjoni dwar segwitu għall-
Programm lil hinn mill-2027 u l-għanijiet
tiegħu.*

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn **erba'** snin wara t-tmiem tal-perjodu **speċifikat** fl-Artikolu 1, għandha **titwettaq** evalwazzjoni finali tal-Programm **mill-Kummissjoni**.

Emenda

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn **tliet** snin wara t-tmiem tal-perjodu **msemmi** fl-Artikolu 1, **il-Kummissjoni** għandha **twettaq** evalwazzjoni finali tal-Programm.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha **tippreżenta u** tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha **u l-lezzjonijiet miksuba**, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-programm b'deċiżjoni taħt il-ftehim internazzjonali jew bis-saħħa ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jsiru investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-programm b'deċiżjoni taħt il-ftehim internazzjonali jew bis-saħħa ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri **u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)** biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF **u l-UPPE**, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jsiru investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **Ia** dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)^{1b}.

^{1a} ***Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).***

^{1b} ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).***

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikolu 14(2)** għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikoli 12(1), 13(2) u 14(2)** għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemmija **fl-Artikolu 14(2)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija **fl-Artikoli 12(1), 13(2) u 14(2)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

Emenda 70

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu 14(2)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mġharrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew ***u*** kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 12(1), 13(2) u 14(2)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mġharrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 71

**Proposta għal regolament
Artikolu 18**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 18

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat imsejjaħ il-"Kumitat tal-Programm Dwana". Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda

imħassar

Emenda 60

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

Emenda

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà **massima** tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u **ta'** komunikazzjoni **relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet** u r-riżultati **tagħha**. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni **korporattiva** dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, **sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija** fl-Artikolu 3.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni **dwar il-Programm, l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm u r-riżultati miksuba mill-azzjonijiet iffinanzjati**. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni **istituzzjonali** dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, **dment li dawn ikunu relatati mal-għanijiet stabbiliti** fl-Artikolu 3.